# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Erbgha 5 ta' Dicembru 2001

Citazzjoni numru 1293/99 AJM

Kawza numru 4

Giovanna Muscat sew proprju kif ukoll bhala kuratrici tat-tlett uliedha minuri Charlene, Jeffrey u Sacha

Vs

Joseph Muscat.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-4 ta' Gunju 1999 li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet illi l-Partijiet ghandhom kawza ghal separazzjoni personali fl-ismijiet premessi (952/94VDG) li ghandha pendenti quddiem din il-Qort; illi skond digriet numru 673/94 moghti mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Lulju 1994 dina l-Qorti ddegretat illi fil-pendenza tal-kawza ghall-separazzjoni personali, l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici bhala mateniment ghaliha is-somma ta' ghaxar liri maltin (LM10.00) u ghat-tlett ulied minuri is-somma ta' ghoxrin lira (LM20.00) pagabbli kull gimgha bil quddiem fir-residenza tal-attrici b'effett

mid-data tal-istess digriet; illi l-konvenut mhux qieghed jghaddi lill-attrici l-manteniment hekk kif gja ordnat jaghmel fl-istess digriet; illi l-attrici hija kreditrici tal-konvenut fis-somma komplessiva ta' elfejn mitejn u ghoxrin lira maltija (LM2,220) rappresentanti diversi pagamenti ta' manteniment li l-konvenut naqas milli jaghmel u dan ghal perjodu mil-1 ta' Jannar 1998 sat-2 ta' Gunju, 1999, hekk kif jidher mill-iskeda hawn annessa u mmarkata Dok "B"; talbet li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-attrici kreditrici tal-konvenut fis-somma komplessiva ta' elfejn mitejn u ghoxrin lira maltija (LM2220) li jirrapresentaw pagamenti ta' manteniment li ghadhom dovuti mill-konvenut;
2. tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' LM2220 fiz-zmien prefiss minnha.

Bl-imghax, bl-ispejjes u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attrici.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-23 ta' Novembru 1999 meta l-kawza giet imhollija sine die wara li ma deher hadd.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fit-28 ta' Frar 2000 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi l-pretensjoni tal-attrici fil-konfront tal-esponent mhix esegwibbli bil-mod kif mitlub.
2. Illi fi kwalunkwe kaz l-attrici rceviet manteniment minghand l-esponent u ghandha l-mezzi taghha kif jigi ppruvat.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta tas-7 ta' April 2000 meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tas-27 ta' Ottubru 2000 sa biex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tad-dokumenti ezebiti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-2 ta' Novembru 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Bejn il-kontendenti hemm proceduri ta' separazzjoni li bdew b'digriet ta' l-Onorabbli Qorti Sekond Awla tas-7 ta' Lulju 1994. F'dak id-digriet, apparti li dik il-Qorti ipprovdiet billi awtorizzat lill-attrici tipprocedi bil-kawza tas-separazzjoni, fost affarijiet ohra ordnat lill-konvenut odjern ihallasha s-somma ta' LM30 fil-gimgha bhala mateniment ghaliha u ghal ulieda.

L-attrici qed tghid li l-konvenut naqas jhallas dan il-mateniment ghal-perjodu ta' cirka sena u hames xhur u cioe mill-1 ta' Jannar 1998 sat 2 ta' Gunju 1999 u cioe ftit qabel il-presentata ta' dawn il-proceduri. Il-konvenut mhux qed jikkontesta dan il-fatt, anzi jidher li l-istess konvenut anke wara d-data imsemmija mill-attrici ma hallas ebda ammont ta' manteniment. Il-konvenut izda jinsisti li ma ghandux jhallas ebda manteniment billi fl-ewwel lok skond sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-11 ta' Jannar 1999, skond l-istess konvenut, l-attrici giet dikjarata li ma ghandhiex dritt ghall-ebda manteniment u fit-tieni lok

l-konvenut qed isostni li l-attrici mhux intitolata alimenti billi qedha tahdem u ghandha introitu taghha oltre dak i tircevi bhala 'relief'.

Jigi osservat fl-ewwel lok li l-manteniment akkordat mil-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja kellu jithallas *"fil-pendenza tal-proceduri tas-separazzjoni".* Issa jirrizulta li s-sentenza fuq imsemmija giet appellata u l-partijiet ghadhom qeghdin jistennew l-ezitu ta' dan l-appell.

Fit-tieni lok mhux minnu li bis-sentenza imsemmija l-attrici tilfet id-dritt ta' manteniment. Li gara kien li f'dawk il-proceduri l-attrici, ghal xi raguni jew ohra, naqset li tressaq il-provi mehtiega sabiex il-Qorti tasal ghall-ammont gust ta' mentenimet. Kien ghalhekk li dik il-Qorti astjeniet li tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-kundanna ghall-hlas ta' menteiment, izda bl-ebda mod ma cahdet lill-attrici minn dan id-dritt. Ghalhekk, anke minhabba li l-proceduri ghadhom pendenti, d-digriet tas-Sekond Awla ghadu vigenti u ghad hemm l-obbligu tal-konvenuti li jhallas manteniment skond l-istess digriet.

Finalment il-fatt li l-attrici fil-perjodu in kwistjoni kienet qed tahdem u taqla cirka LM15 fil-gimgha mill-impieg taghha "part time" bhala sales girl ma Deguara, ma jbiddel xejn mis-sitwazzjoni tal-konvenut. Infatti fid-digriet tas-Sekond Awla l-ordni tal-manteniment inghata wara li dik il-Qorti hadet l-informazzjoni kollha mehtiega, u ghalhekk mhux eskluz li dan il-fatt ingieb a konjizzjoni ta' dik il-Qorti qabel ma ppronunzjat ruhha. Inoltre l-fatt li llum l-attrici qedha tircevi paga "decenti", li anke tissupera bil-bosta l-ammont ta' manteniment dovut, ma ghandha ebda relevanza billi tali introitu beda biss f'Settmbru tat-2000 u cioe wara l-perjodu mertu tal-kawza.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa t-talbiet attrici u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elfejn mitejn u ghoxrin lira maltin (LM2,220) ghar-ragunijiet imsemmija fic-citazzjoni u dana immedjatament u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut.

Onor Imhallef Albert J. Magri